# *Diskors ta' l-Inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' b'Għaxra*

***Kan. Dun Joe Abela***



Fl-aħħar snin tas-seklu 19, il-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun għaddiet minn qawmien artistiku konsiderevoli. L-arti mużikali ngħatat spinta l'quddiem u mbagħad, bejn is-snin 1880 u 1900, il-knisja bdiet tiġi mżejna minn opri mill-isbaħ, fosthom il-qanpiena l-kbira (issa mniżżla fuq iz-zuntier), id-damask tkompla, il-paviment ta' l-irħam, l-apparat tar-rakkmu u l-lampier tal-fidda ta' l-artal maġġur, biex inkunu semmejna xi ftit mill-ħafna opri li saru fi ftit tas-snin.
**Feliċ Micallef Grimaud** kien twieled fis-sena 1870, iben Wiġi Micallef (tal-Brajba) u Saverja Grimaud. Nannuh minn naħa ta' missieru kien in-Nutar Ġużeppi Teodoro Micallef. Ordnat Saċerdot nhar it-23 ta' Diċembru 1893 u wara ftit Dun Feliċ Micallef ġie maħtur prokuratur tal-Knisja Parrokkjali. Veru li għamel xi opri għall-knisja minn ġewwa, bħall-apparat (li ma ġabx sħiħ) u l-artal ta' l-irħam fl-Oratorju, iżda Dun Feliċ Micallef aktar kien ħsiebu fl-armar ta' barra. Ma ninsewx ukoll li fl'aħħar snin tas-seklu, l-Arċipriet taż-Żejtun kien Dun Lawrenz Degabriele, magħruf ukoll, barra għall-imħabba li kellu lejn il-foqra, għall-opri li għamel fil-knisja, fosthom żewġ restawri fuq l-Istatwa ta' Santa Katarina.

## Vincenzo Maria Cremona

Il-festi esterni kienu qed jikbru sewwa, speċjalment wara t-twaqqif ta' l-ewwel baned f'Malta. Bdew jagħtu wkoll spinta l-quddiem lill-armar ta' barra, aktar w aktar meta s-sengħa tal-kartapesta bdiet issir popolari fost id-dilettanti tal-festi esterni, taħt l-influenza kbira tas-Senglean **Carlo Darmanin**, magħruf bħala **l-prinċep ta' l-istatwarji** u għall-ħlewwa ta' l-uċuħ tal-personaġġi li ħoloq. Statwarju ieħor li għen ħafna sabiex żdiedet il-popolarita ta' l-istatwi tal-kartapesta fit-tieni nofs tas-seklu 19, kien is-Slimiż **Vincenzo Maria Cremona**, l-awtur ta' l-istatwa qadima tagħna "ta' b'Għaxra". Propjament Vincenzo Maria Cremona kien twieled fl-1851 fil-Belt Valletta, iben il-ħajjat Franġisku Cremona u Pawla Bonello, iżda meta Vincenzo kien għadu tifel żgħir , il-familja Cremona, imlaqqma "tal-Kobob", marret toqgħod tas-Sliema u hemm baqgħet. F'żogħżitu, Vincenzo Cremona ntbagħat mill-Gvern ta' Malta jistudja f'Napli taħt il-Professuri Borazza, Masi u Marchino. Meta ġie lura Malta, sab impjieg bħala xenografu fit-Teatru Rjal, il-Belt, illum għadu mwaqqa! Dan kien mument importanti ħafna fl-iżvillup ta' l-arti ta' Cremona. Fil-fatt l-istatwi tiegħu spiss huma aktar gruppi statwarji (komposti minn ħafna figuri) u xeni teatrali (tableau), aktar minn statwa b'figura waħda jew tnejn. Hekk Cremona sar ħafna midħla tat-tejatru u ta' l-impresarji li kienu inkarigati mill-opri, li tagħhom il-Maltin kienu ħafna dilettanti, meta la radios u lanqas TV ma kienx hawn. Ta' 37 sena, Vincenzo iżżewweġ lil Concetta Axisa fil-Knisja ta' Stella Maris tas-Sliema. Baqa' joqgħod tas-

Sliema sakemm miet fl-1912. Fost ix-xogħlijiet l-aktar rinomati tiegħu, barra il-martirju u ta' b'Għaxra fiż-Żejtun, ta' min għall-inqas isemmi l-martirju ta' Santa Katarina u Santa Katarina bir-rota (xeni teatrali oħra) għaż-Żurrieq, li Cremona ħadem snin wara l-par taż-Żejtun, San Ġorġ għall-Għawdex, Santa Rita (illum fil-belt iżda qabel kienet f'tas-Sliema), Santa Agata (Ħaż-Żebbug), Esther u Abigail (Ħal-Balzan), San Lawrenz iddawwal lil għomja (il-Birgu) u Malta (B'Kara), biex inkun semmejna xi ftit.

## Tagħrif dettaljat mill-arkivju

Fl-arkivju Parrokkjali taż-Żejtun jien sibt **M.S. 299**, ta' 70 faċċata mimli dettalji dwar id-dħul u l-ħruġ li għamlu biex saru il-gruppi statwarji tal-Martirju (1895) u l-Għerusija Mistika ta' Santa Katarina (1896) minn Vincenzo Cremona. Il-kitba hi ċara u pulita, iżda sfortunatament il-kittieb imkien ma niżżel ismu, iżda jidher ċar li kien **Dun Feliċ Micallef** , il-prokuratur. Hemm ħafna referenzi għall-lotteriji u l-mijiet kbar ta' biljetti li kienu jbiegħu biex jiġbru l-ispejjeż. Waħda anzjana mill-familja ta' Dun Feliċ darba qaltli li ommha, fi tfulita, lilha kienet spiss tirrakuntalha kemm Dun Feliċ kien jgħaddi ħin twil ilesti l-biljetti f'remissa fl-isqaq ta' Sant' Anġ, illum Triq Licata. Il-manuskritt fih lista twila ta' madwar 250 kontributur li ħarġu l-parti l-kbira tal-flus għall-istatwi. Fost il-kontributuri għall-martirju, l-aktar li ħareġ kien ċertu "*Il-Signor Lorenzo Borġ*", li ħareġ żewġ liri! Ikkontrubwiet sewwa wkoll "*La Signora Maria Teresa Cachia Zammit*". Iltqajt ukoll ma l-ismijiet ta' għaxar qassisin. Interessanti li l-manuskritt fih ukoll il-laqam tal-familji. B'kollox għall-martirju daħħlu 29 lira li minnhom Cremona irċieva biss 14 il-lira! Għalkemm l-ispejjeż totali għall-Martirju telgħu 28 lira. Issemma wkoll l-iskultur Żejtuni Ġużeppi Baldacchino. It-tieni parti tal-manuskritt hi kollha iddedikata għall-**Għerusija (ta' b'għaxra)**, li Cremona ħadem fis-sena ta' wara (1896) f'tas-Sliema. Issemma il-Cherico Spiridione Grixti, li wara sar saċerdot u prokuratur tal-knisja u waqqaf id-Domus, u ċertu Alfonso Degabriele kien jagħmel ħafna ġbir. B'kollox lotteriji u ġbir, għal ta' B'għaxra daħħlu 62 lira! li minnhom Cremona tħallas 27 lira, kważi d-doppju li rċieva għal Martirju, iżda din id-darba l-istatwa kien fiha għaxar figuri. Tissemma spressament l-ispiża "*per la trasporto della bradella dalla Sliema*" . Fl-1897 għamlu l-pedistall. Ftit wara ġabu il-Banda La Valette, ħallsuha żewg liri u nofs, iżda nefqu sitt liri għall-karrozzini biex ġabu il-bandisti saż-Żejtun!

## Deskrizzjoni tal-Grupp Statwarju

Il-Verġni Marija qegħda fil-għoli fuq is-sħab, b'Ġesu Bambin fuq irkoppitha ix-xellugija, filwaqt li Santa Katarina qegħda għarkubtejha tirċievi ċ-ċurkett ta' l-għerusija mistika, b'idha x-xellugija merfugħa 'l fuq, minn idejn Ġesu' Bambin. Anġlu żgħir (puttin) f'riġlejn il-Madonna jidher iġorr biċċa rota mfarrka. Żewġ anġli kbar fuq iż-żewġ naħat tat-tableau, iġorru girlanda tal-fjuri bejniethom, u wieħed minnhom iqiegħed kuruna fuq ras Santa Katarina. Anġlu ieħor kbir iżomm parċmina f'idejh. Dawn it-tlett anġli kbar huma tassew sbieħ. Hemm ukoll tliet anġli oħra żgħar (puttini), b'kollox 10 figuri. Tableau daqshekk sabiħ ma kellux protezzjoni adegwata kontra l-maltemp, meta l-festa ta' Santa Katarina

kienet dejjem issir f'Novembru, b'konsegwenzi li tafuhom daqsi, meta Santa Katarina dejjem kienet magħrufa bħala stilla tal-maltemp.

## Suġġett Populari

L-Għerusija ta' Santa Katarina hu suġġet li l-artisti, pitturi, skulturi u statwarji, ittrattaw ħafna u ħafna drabi. Fiż-Żejtun, Ṭuse' Busuttil pitter dan is-suġġett fis-saqaf tal-knisja parrokkjali, l-ewwel kwadru kif tidħol mill-bieb tan-nofs. Mattia Preti, li ħadem ħafna f'Malta fejn għex għal 39 sena, pitter l-għerusija ta' Santa Katarina fil-kappella tal-lingwa Taljana fil-knisja konventwali ta San Ġwann, illum il-Kon Katidral, il-Belt. Fil-knisja ta' Bormla, Francesco Zahra pitter l-istess suġġett fil-kappellun tal-lemin u fil-knisja tal-Birgu, Rokku Buhagiar pittirha fl'ewwel nava fuq ix-xellug, kwadru kopja ta' Carocci, pittur Taljan tas-seklu 18. Dan biex nagħtu ftit eżempji.

## Differenzi żgħar

Il-Grupp ta' l-Armar, 25 ta' Novembru, bir-raġun ili ma felħux jaraw opra daqshekk sabieħa, li għal bosta snin ferħet liż-Żwieten fil-ġranet tal-festa, tispiċċa fix-xejn, u għalhekk ftit tas-snin ilu ddeċidew li jagħmlu waħda bħalha (jew tixbaħha ħafna) u kkomissjonaw lil Kav. Alfred Camilleri Cauchi, li ma xtaqx jagħmel kopja "facsimile" ta' xogħol Cremona, sabiex dan il-grupp statwarju ġdid ikun tassew opra tiegħu. Iżda d-differenzi huma minimi. L-akbar differenza hi fil-qagħda ta' Santa Katarina, li filwaqt li Cremona għamilha f'qagħda diretta lejn Ġesu Bambin u l-Verġni Marija, u b'mod li l-ispettatur ikollu bilfors jaraha mill-ġenb jew minn wara, Camilleri Cauchi ħadimha ftit imdawra lejn il-quddiem, hekk l-ispettatur ikun jista jaraha aħjar minn quddiem. Il-ġwienaħ tat-tlett anġli kbar huma aktar miftuħin minn dawk ta' l-anġli ta' Cremona. Hekk l-anġli jidhru aktar imtajrin u jagħtu aspett isbaħ. Il-bqija, tista tgħid kollox l-istess.

## Alfred Camilleri Cauchi

Huwa ta' unur għaż-Żwieten li Alfred Camilleri Cauchi hu ta' nisel Żejtuni, għalkemm kulħadd isibu bħala Għawdxi. Kemm hawn min jaf li l-Familja Camilleri Cauchi li tat lil gzejjer Maltin mhux anqas minn erba' artisti mill-aktar popolari f'dawn l-aħħar snin, hi ta' oriġini Żejtunija? Fl-1885 Ġużeppi Camilleri, Żejtuni, iżżewweġ fiż-Żejtun liż-Żejtunija Katarin Bonnici. Dawn huma in-nanniet ta' Alfred Camilleri Cauchi. Wara li kellhom xi tfal fiż-Żejtun, Ġużeppi Camilleri ħa l-familja tiegħu f'Għawdex, flimkien ma ħuh Wenzu, wisq probbabli fuq xogħol ta' l-imtieħen tar-riħ. F'Għawdex Ġużeppi u Katarina (innotaw l-isem Katarina) tweldilhom tifel propju Wistin Camilleri, il-magħruf skultur, missier Alfred. Kienet tassew kumbinazzjoni li dan Wistin ma twelidx iż-Żejtun! Fl-1936 Wistin Camilleri iżżewweġ lil Francesca Cauchi mill-Għarb. Hekk iffurmat il-familja Camilleri Cauchi. Kellhom sitt itfal, fosthom lil Alfred, l-awtur ta' din l-istatwa meraviljuża. Alfred twieled fl-1943 u studja l-arti f'Edinburgh, Scotland, taħt il-professuri Henry Moore u Andrew Dodds. Kienet Lady Laycock, il-mara tal-Gvernatur ta' Malta, li lil Alfred irregalatlu l-borża ta' studju biex jistudja barra. Impossibli insemmi x-xogħlijiet kollha tiegħu, tant



huma numerużi, iżda mhux ta' min ma nsemmiex il-Via Sagra ta' l-irħam għas-Santwarju Ta' Pinu, il-Via Sagra fil-ġebel, xogħol tassew oriġinali għall-knisja ta' Wied il-Għajn, il-Monument fil-Bronz ta' Karmni Grima, għal Ta' Pinu, u numru konsiderevoli ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Għaż-Żejtun, Alfred Camilleri Cauchi ħadem l-istatwa ta' Santa Katarina u l-bustijiet żgħar ta' mużiċisti għal Każin Beland, Kristu Rxoxt u l-Ecce Homo ġdid għal knisja parrokkjali, is-sett ta' 13 il-figura (Ġesu' u l-Appostli) għall-wirja tassew sabiħa, **Ġesu' jaħsel saqajn l-appostli** li ssir mill-Grupp ta' l-Armar fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira. Għall-knisja parrokkjali, Alfred ħadem ukoll l-iskultura fin-nava ta' San Ġużepp, u għal knisja tal-Ħniena ħadem Kristu Msallab. Iżda żgur li, lil Alfred, iż-Żwieten sejrin jiftakruh fil-ġranet tal-festa, għal dan il-grupp statwarju, tassew eċċellenti, (li qed ninawguraw illum). Wistin Camilleri, missieru, kellu għal qalbu ż-Żejtun u m'hemmx dubju li lilna ż-Żwieten, Alfred iħobbna u jirrispettana daqs missieru, u hawn irrid inroddlu ħajr kbira minn qalbna.

## L-Għaqda ta' l-Armar

Grazzi wkoll lill-mibki Francis Cassar (il-Lewżu) li kulħadd jaf x'imħabba kellu lejn iż-Żejtun, Santa Katarina u l-Ġimgħa l-Kbira. Niddubitaw li ma kienx hu, din l-istatwa kenitx issir, għaliex parti sostanzjali mis-somma kien hu li ħariġha, ħallas waħdu għall-figura tal-Verġni Marija. Mur ara x'gost kbir kien iħoss Frans li kieku qiegħed magħna hawn illejla. Iżda xorta qiegħed f'qalbna! S'intendi kien hemm diversi benefatturi oħrajn li kollha ngħidilhom "Grazzi Ħafna". Grazzi u prosit kbira lill-Għaqda ta' l-Armar 25 ta' Novembru, li b'mod volontarju l-ħin kollu sejrin, is-sena kollha, bosta drabi ukoll bil-lejl, jaħdmu, jistinkaw u jagħmlu sagrifiċċji kbar, biex ikabbru u jkomplu jżejnu l-armar ta' barra fil-ġranet tal-festa ta' Santa Katarina. Grazzi u Prosit minn Qalbi, għan-nom taż-Żwieten kollha.

*Dan l-artiklu inqara mill-awtur stess fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' l-Istatwa taż-Żwieġ Mistiku fit-12 ta' Ġunju 2005. F'din l-okkażjoni ħadu sehem iż-Żewġ Baned Żwieten, Żejtun u Beland bħala banda waħda. L-istatwa wara ġiet imbierka mill-Arċipriet Fr. Eric Overend.*